MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 2/2011

**Appell Nru. 2/2011**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Paul Attard**

**Illum 14 ta' Marzu, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 353161 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' April, 2010 u fil-granet ta' qabel go "Abba", New Street in Tank Street, Siggiewi u go Carters Supermarket, Triq Hal-Luqa, Paola:

1. manifattura, kellu fil-pussess tieghu jew biegh ghasel ippakkjat minn qabel (ghasel pur ta' Malta – Pure Honey) kif imfisser fl-ewwel skeda tar-regolamenti ta' l-2004 ta' l-ghasel, li ma kienx jikkonforma mal-htigijiet kif

imnizzlin fit-tieni skeda ta' l-istess regolamenti billi l-livelli ta' l-attivita` ta' diastase kien inqas minn dak permess u billi l-kontenut tal-ilma kien aktar minn dak permess;
2. bejgh jew kellu fil-pussess tieghu ikel (Ghasel Pur ta' Malta – Pure Honey) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta' ikel kif mitlub mix-xerrej;
3. bejgh jew kellu fil-pussess tieghu ippakkjat minn qabel (Ghasel Pur ta' Malta) – Pure Honey) li kien iqarraq lix-xerrej dwar in-natura, l-propjetajiet u l-kompozizzjoni tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Dicembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 17(1) tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004 u Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004, stante li l-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova u cioe` ma gabitx kopja tas-sample li ttiehed dakinhar li ntbaghat l-istess sample l-laboratorju u inoltre li l-imputat kien gie michud id-dritt fundamentali tieghu li meta hareg ir-rizultat hadd ma tah kopja tieghu jew spjegawlu l-allegat illegalita` x'kienet u ghalhekk huwa ma kienx f'posizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu bl-ahjar mod u bil-mod li trid il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, illiberat lill-imputat Paul Attard mill-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi u l-ligi, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid u ssib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe` :-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-fatti esebiti.

Illi gie ppruvat mill-prosekuzzjoni li tali prodotti kienu qeghdin jigu offruti ghall-bejgh f'dan l-istat minn postijiet partikolari u cioe` "Abba , New Street in Tank Street, Siggiewi u Carters Supermarket Triq Hal-Luqa Paola minn fejn ittiehdu kampjuni kif titlob A.L. 265/2002 u ntghatu ghal analizi necessarja.

Illi l-assenza tax-xhieda ta' Raymond Cassar minn Carters's Supermarket giet accettata mill-imputat, fejn accettat li tali kampjuni kienu gew mibjugha mill-imputat Paul Attard lil Carter's Supermarket, fl-istat li ttiehdu l-kampjuni. B'hekk ix-xhieda ta' Raymond Cassar giet rinunzjata.

Illi nghata wkoll rizultat ta' l-analizi li sar minn food analyst kif titlob il-ligi skond A.L. 265/2002 Reg 4 u 5, liema rizultat gie pprezentat lill-Qorti kif titlob Reg. 6 ta' l-istess Avviz Legali. Aktar minn dan ittellgha xhud, l-analista Doris Gambin head tas-Sezzjoni Kemikali tal-Laboratorju tas-Sahha Pubblika, li kkonfermat tali rizultat. Hija stabilixxiet li tali analizi saru go laboratorju akkreditati ghal tali analizi barra minn Malta, minhabba li dan it-tip t'analizi ma jsirux f'Malta. Ghaldaqstant tali proceduri li titlob il-Ligi skond l-A.L. 265/2002 gew osservati stretament kemm fl-ghazla tal-Laboratorju kif ukoll fit-thehhid tal-kampjuni u t-tragit.

Illi A.L. 265/2002 Reg. 8 jindika li :
*"The Health Authority may appoint individual or person to act on its behalf as a food analyst".*

Illi barra minn dan il-Public Health Lab. Huwa the Official Laboratory for the Health Authority.

Illi l-Onorabbli Qorti lliberat l-akkuzat, u dan minhabba li tali rizultat ma giex moghti lill-imputat biex ikun jista` jaghmel id-difiza tieghu ahjar. Kif ukoll peress li d-difiza allegatament giet sprovvista mix-xhieda tal-analista, li ghamlet l-analizi propji.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent bid-decizjoni tal-Qorti, kien hemm applikazzjoni hazina tal-Ligi.

Illi fl-ewwel lok ma hemm ebda obbligu li jinghata r-rizultat tal-kampjun odjern minn qabel il-kawza. Iktar minn dan, il-kampjun kien ittiehed minghand Carter's Supermarket, u dan mhux minghand l-imputat, ghaldaqstant kien propjeta` ta' Raymond Cassar liema persuna qatt ma talab ghal rizultat u kien imnizzel bhala xhud ghall-prosekuzzjoni.

Illi fl-ebda hin l-imputat ma talab lid-Direttorat, ghal tali rizultat u iktar minn dan minn xhieda ta' Omar Grech irrizulta li meta gie mistoqsi x'kellu hazin il-kampjun irrefera bil-kliem ghan-nuqqasijiet, elenkati fir-rizultat.

Illi tali rizultat ufficjali gie ppresentat lill-Qorti, kif titlob Reg. 6 ta' A.L. 265/2002 minn Paul Grixti.

*In any proceedings under the Act or under regulations made thereunder, the production by one of the parties :-*
*(a) of a document purporting to be a certificate given by a food analyst or examiner under regulation 5 or;*
*(b) of a document supplied to him bu the other party certified as being a true copy of such document, shall be sufficient evidence of the facts stated therein unless, in a case falling under regulation 5, the other party required that the food analyst or food examiner that has issued the said certificate to give evidence in the proceedings.*

Illi l-istess regolament jaghti l-possibilita` lill-prosekuzzjoni li tipprezenta rizultat minghajr ix-xhieda tal-analista, sakemm dan ikun skont Reg. 5. Iktar minn hekk titfa` l-oneru fuq id-difiza biex titlob ghax-xhieda tal-"food analyst" jekk ikun hemm il-bzonn.

Illi f'din il-kawza, d-difiza nterpretat li l-analista huwa dak li jaghmel l-analizi propru u d-decidiet li ma tismax dak li kellha tghid l-analist Doris Gambin li nstemghet bhala xhud.

Illi skont il-ligi :

*“food analyst” means any person so suitably qualified to the satisfaction of the health authority and, where the person is a public officer, any person appointed by the Minister to act as food and analyst on behalf of the health authority and includes any other person appointed under regulation 8 of these regulations to act as a food analyst and any person acting as a food analyst on behalf of an official Laboratory as established under article 10 of the Act.*

Illi x-xhieda ta’ l-analista Doris Gambin hija sufficjenti ai termini tal-Ligi, ghaldaqstant l-imputat xorta kellu kull cans biex jitlob xhieda ohra, ghalkemm dan huwa ma ghamlux. Illi l-istess regolament jaghti l-possibilita` lill-prosekuzzjoni li tipprezenta rizultat minghajr ix-xhieda ta’ l-analista, sakemm dan ikun skond ir-regolament 5 ta’ l-A.L., kif kien il-kaz. Iktar minn hekk titfa l-oneru fuq id-difiza biex titlob ghax-xhieda tal-“food analyst” jekk ikun hem il-bzonn. F’din il-kawza d-difiza kellha kull cans biex taghmel dan imma ghazlet li ma taghmlux.

Illi ghalhekk huwa car skond ir-regolamenti u l-ligi li tapplika li a bazi tal-fatti skjacanti u x-xhieda l-appellat imputat kellu jinstab hati.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Paul Attard immanifattura ghasel, poggih ghal bejgh fil-“Carters Supermarket”, Triq Hal-Luqa, Paola u f’Abba New Street in Tank Street, Siggiewi. Dan il-prodott kien deskritt bhala ghasel pur ta’ Malta.

Wara li ttiehdu kampjuni u saru analizi mehtiega rrizulta illi dan ma kienx ghasel pur izda forma ta’ gulep tal-karamella.

Omar Grech, Health Inspector, xehed illi fil-15 ta’ Gunju, 2010 l-appellat Paul Attard gie l-ufficju tieghu u spjegalu dak kollu necessarju dwar l-ezami illi sar fuq kampjuni

mehuda tal-prodotti tieghu. Spjegalu ukoll illi l-analizi sar barra minn Malta u li kienu se jipprocedu kontra tieghu.

Paul Grixti, Health Inspector, xehed illi fil-21 ta' April, 2010 eleva flixkun ta' ghasel minn Supermarket "Carter's", liema flixkun kien deskritt bhala ghasel pur ta' Malta. Hu xehed illi dan l-ghasel kien il-prodott mill-appellat. Grixti baghat il-kampjun il-laboratorju lokali u wara xi ftit wasallu r-rapport illi dak l-ghasel ma kienx konformi mar-regolamenti. Spjega wkoll illi fuq il-prodott ma kienx hemm l-ID tal-appellat.

Doris Zammit, mill-Public Health Laboratory, qalet illi irceviet il-kampjun minn ghand Paul Grixti u baghatitu barra minn Malta l-Germanja ghall-analizi, peress illi analizi ta' dak it-tip ma jsirx fil-laboratorju Malta. Irrizultat gie lura w rrizulta illi l-ghasel ma kien xejn pur u ma kienx skont ir-regolamenti lokali.

L-appellat argumenta illi l-ewwelnett ma saritx l-identifikazzjoni tieghu bhala l-produttur tal-ghasel, peress illi fuq il-prodott ma kienx hemm miktub l-ID tal-appellat u lanqas ma saret il-konnessjoni bejn il-prodott u l-istess appellat. It-tieni nett li l-awtorita` Maltija ghandha l-kapacita` illi taghmel dawn it-testijiet u awtorizzata mill-ligi biex taghmilhom u ma setghetx tibghat il-kampjun fl-esteru ghal ezami.

Ikkunsidrat :

Ghal dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal verbal tas-16 ta' Dicembru 2010 fejn, id-difiza ddikjarat ***"……mhux kontestat li Paul Attard huwa dak li manifattura l-ghasel in kwistjoni."*** B'dan il-verbal tnehha kull dubju dwar in-nes bejn l-appellat u l-prodott in kwistjoni u l-Qorti jista` jkollha rasha mistrieha illi fil-fatt kien l-appellat illi mmanifattura w pproduca l-ghasel in kwistjoni.

It-tieni argument tal-appellat illi huwa l-laboratorju ta' Malta biss illi ghandu l-awtorizzazzjoni skont il-ligi ukoll

ma jreggix. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal A.L. 265/2002 fejn jawtorizza l-Awtorita` tas-Sahha illi jappunta persuna li jagixxi ghan-nom tal-istess Awtorita` bhala analista tal-ikel. F'dan il-kaz kwindi l-Awtorita` tas-Sahha kellha kull dritt illi tibghat il-kampjun barra minn Malta w tircievi r-rapport minn ghandha, kif fil-fatt sar f'dan il-kaz, liema rapport jinsab esebit a fol. 11 tal-process.

Kwindi f'dan l-istadju l-Qorti tosserva illi rrizulta, minghajr dubju dettat mir-raguni, li l-ghasel kien immanifatturat u prodott mill-appellat u t-tieni illi dan l-ghasel ma kienx pur, kien forma ta' gulep tal-karamella u kwindi ma kienx konformi mar-regolamenti ta' Malta.

L-Ewwel Qorti pero` dehrilha illi kellha tillibera lill-appellat peress illi skont hi gew michuda d-drittijiet fondamentali tal-appellat illi ma giex moghti kopja tar-rapport jew gie spjegat lilu l-allegat illegalita` w peress illi ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu bl-ahjar mod, kif trid il-Kostituzzjoni ta' Malta w l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

Ikkunsidrat :

L-ewwelnett din il-Qorti tirrileva li l-Qorti tal-Magistrati ma kellha l-ebda gurisdizzjoni tidhol fi kwistjonijiet kostituzzjonali li jirrigwardaw id-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Dawna huma kompetenza tal-Qorti Civili Prim'Awla [Sede Kostituzzjonali] u l-Qorti tal-Magistrati ma kellha l-ebda kompetenza li tippronuncja ruhha fuq dan il-punt.

Jekk l-appellat deherlu illi dawn id-drittijiet kienu gew mittifsa, allura f'dan il-kaz kellu jadixxi lill-Qorti kompetenti u jiehu r-rimedju li ghandu jiehu minn dik il-Qorti izda mhux mill-Qorti tal-Magistrati.

Se mai jekk deherilha illi gew lezi dawn id-drittijiet kellha taghmel referenza lill-Qorti Kostituzzjonali u tieqaf hemm u tistenna sakemm ikollha s-sentenza definittiva minn dik il-Qorti.

Ikkunsidrat :

It-tieni nett din il-Qorti tirrileva illi l-appellat kien jaf sew il-kwistjoni x'kienet peress illi Omar Grech, il-Health Inspector, kien spjegalu fil-15 ta' Gunju 2010 x'kien gara u ghal x'hix kienu se jipprocedu kontrih.

Fi kwalunkwe kaz ir-rizultat tal-laboratorju esteru huwa esebit f'dawn l-atti u l-appellat kellu kull dritt jikkontestah u anki jipproduci rapport iehor illi jikkontradixxi dak l-analizi illi sar barra minn Malta. Sakemm dan l-analizi ma giex kontradett, din il-Qorti allura ghandha kull dritt illi toqghod fuqha. Hija prova legali illi giet esebita mill-prosekuzzjoni fil-kors ta' dawn il-proceduri u la l-veracita` taghha ma giex mes in dubju din il-Qorti sejra tohodha bhala rizultat veritier.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi t-tlett akkuzi migjuba kontra l-appellat gew sodisfatti minghajr dubbju dettat mir-raguni u l-appellat kellu jinstab hati mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Dicembru 2010 u wara li rat l-artikoli 17(1) tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta, regolament 3 tal-A.L. 213/2004 u regolament 4.1 tal-A.L. 283/2004 issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' tmien mitt euro (€800).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------